# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Mejju 2025**

**Avviż Nru: 75/2025**
**Nru fuq il-Lista: 9**

**Fl-atti tal-ittra 166A numru 1934/2019 fl-ismijiet:-**

**Melita Limited (C12715)**

**vs**

**Refan Parfumeries and Co. (P-1658)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tas-soċjetà attriċi mressaq fl-20 ta' Frar 2025[1], flimkien mad-dokumenti hemm annessi, fejn ġie premess u mitlub hekk:

> *Illi is-soċjeta' esponenti ġiet kanonizzata kreditriċi tal-imsemmija konvenuta u dan kif jirriżulta minn ittra uffiċjali magħmula skond Artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta f'dawn l-atti.*

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

*Illi s-soċjeta esponenti tikkonferma bil-ġurament illi l-kreditu in kwistjoni għadu dovut fl-intier tiegħu lis-soċjeta esponenti;*

*Illi s-soċjeta esponenti tixtieq illi tenforza il-kreditu hekk kanonizzat permezz ta' ħruġ ta' mandat tas-sekwestru fil-konfront tal-konvenuta.*

*Għaldaqstant, s-soċjeta esponenti qedgħa umilment titlob lill din l-Onorabbli Qorti tawtorizzaha sabiex tenforza il-kreditu tagħha hawn fuq imsemmi, u liema talba qedgħa ssir ai termini tal-Artikolu 258 (ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Frar 2025[2].

Rat dak li seħħ fis-seduta tad-9 ta' April 2025[3] minn fejn irriżulta li l-konvenuta ma kienitx ressqet risposta u lanqas dehret għas-seduta. Dakinhar il-proċeduri tħallew għad-deċiżjoni li qiegħda tingħata llum kif skedat.

Rat l-atti proċesswali kollha, inkluż l-atti tal-ittra uffiċjali relattivi[4].

**Ikkunsidrat**

Illi din hija deċiżjoni dwar rikors magħmul ai termini tal-artikolu 258(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[2] A fol 2 tal-proċess.
[3] Verbal relattiv a fol 7 tal-proċess.
[4] Din tinsab mal-wara tal-proċess.

Illi tajjeb jingħad li l-liġi hija siekta dwar jekk fi proċeduri bħal dawn, il-konvenut għandux jingħata dritt ta' tweġiba u jekk għandux ikun hemm smiegħ[5]. Din il-Qorti tqis li ġaladarba ir-rikors jiġi maħluf minn min jagħmlu, allura anke in osservanza tal-prinċipju ta' *audi alteram partem*[6], huwa xieraq li l-allegat debitur jingħata terminu sabiex jirrispondi.

Illi huwa ben magħruf ukoll li f'proċedura bħal din, m'huwiex xogħol il-Qorti li terġa toħloq kanonizzazzjoni ġdida tal-kreditu, iżda huwa biss limitat sabiex jara li jkun skada iż-żmien tal-eżegwibilitá tat-titolu eżekuttiv[7] u li l-obbligazzjoni tal-ħlas tkun għada eżistenti[8].

---

[5] Issir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Bank of Valletta vs Joseph Borg,** (Ċit Nru: 1682/2000/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-24 ta' Jannar 2001 "*Illi jrid jinghad ukoll li, taht il-procedura mfissra fil-Kodici tal-Procedura taht l-artikolu 258, il-ligi ma tapplikax terminu specifiku mill-jum tan-notifika tar-Rikors li fih l-intimat ikun obbligat iressaq it-twegiba tieghu. Jista' jitqies, ghalhekk, li f'dan il-kaz, ma jidhrix li l-ligi timponi z-zmien tal-ghoxrin (20) jum bhalma jigri fil-kaz ta' att tac-Citazzjoni; Illi, l-Qorti tifhem, ghalhekk, li sa dak inhar li jissejjah ir-rikors, l-intimat jista' jressaq it-twegiba tieghu.*"

[6] Fost diversi, din il-Qorti tirreferi għal dak raġunat u deċiż fid-deċiżjoni fl-ismijiet **HSBC Bank Malta vs Avv. Martin Fenech *et noe*,** (Rik Maħluf Nru: 854/2021) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-24 ta' Jannar 2022 (mhux appellata).

[7] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Gaetano Abdilla *et* vs Sebastian Dalli *noe***, (App Ċiv Nru: 770/2022/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-16 ta' Lulju 2024 fejn ġie mtenni hekk: *"Tajjeb illi jingħad li xogħol il-Qorti f'din l-għamla ta' proċedura taħt l-Artikolu 258(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mhuwiex biex toħloq kanonizzazzjoni ġdida ta' kreditu, iżda li terġa' tgħajjex titlu eżekuttiv li jkun għadda ż-żmien minn fuqu (ara Middle Sea Insurance p.l.c. v. Francis Chetcuti et maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021). Kif imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Bank of Valletta p.l.c. v. Francis Bezzina Wettinger pro et noe et deċiża fis26 ta' Marzu, 2010, fi proċedura simili, l-indaġni li trid tagħmel il-Qorti hija waħda limitata, u dak li trid tiżgura hu li, fil-fatt, jeżisti t-titlu eżekuttiv, u li l-ammont dovut, jew parti minnu, ma jkunx ġie mħallas mid-debitur ikkundannat."*

[8] Fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak deċiż fil-proċeduri fl-ismijiet **Edgar Fava vs Gerald Rapinett *et*,** (Rik Nru: 1122/2017/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Frar 2021. Issir ukoll referenza għat-tfakkira magħmula fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Barclays Bank p.l.c. vs Martin Buhagiar *et*,** (Rik 490/2017/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Novembru 2023, fejn intqal hekk: *"Din il-Qorti terġa' tfakkar ukoll li l-proċedura mnedija taħt l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija maħsuba biex tirrendi eżegwibbli mill-ġdid titolu eżekuttiv li jkun tilef eżegwibilità tiegħu. Dik ilproċedura ma kienet qatt maħsuba biex tistabbilixxi kemm hu d-dejn li għadu dovut. Kif ingħad bosta drabi fi proċeduri ta' din l-għamla, l-għan tal-Qorti huwa li tara jekk it-titolu eżekuttiv laħaqx "għalaq" u jekk kemm il darba d-dejn kanoniżżat kienx għadu, imqar f'biċċa minnu, mhux Imħallas"*

Illi b'żieda ma dan, huwa dejjem l-oneru tal-attur li jipprova kif imiss l-azzjoni li jressaq[9]. F'dan il-każ allura, is-soċjetà attriċi kellha turi li hija għandha fil-pussess tagħha titolu eżekuttiv kontra l-konvenuta, li għadda ż-żmien t'eżegwibilita fuqu u li l-ammont għadu dovut.

Illi s-soċjetà attriċi qiegħda tressaq it-talba tagħha fuq is-saħħa tal-ittra uffiċjali maħruġa a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fid-9 ta' Lulju 2019 u notifikata fis-16 ta' Lulju 2019. Ġara iżda, li dik l-ittra uffiċjali ġiet reża eżekuttiva fit-18 ta' Ottubru 2024.

Illi l-artikolu 166A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> *(4) Meta d-debitur ma jopponix it-talba, fi żmien tletin jum minn notifika tagħha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi, l-ittra uffiċjali għandha għar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv bħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a).*

Illi li kieku wieħed kellu jieqaf hawn, ikun imħajjar jgħid lit-titolu eżekuttiv jinkiseb mal-egħluq tat-terminu indikat. Madanakollu, dan l-artikolu irid jinqara flimkien mal-artikolu 166B(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jgħid hekk:

---

[9] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Arthur Xuereb vs Silvio Borg *et,*** (App Ċiv Nru: 561/14) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Ġunju 2019 fejn ġie mfakkar hekk: *"Illi l-Qorti tagħraf il-jedd li l-liġi tagħti lil parti meta tiġi biex tiftaħ kawża u li tagħżel x'għamla ta' kawża tixtieq tressaq. Dwar dan, lil dik il-parti ma għandu jindaħlilha ħadd, għaliex **ir-riperkussjonijiet ta' għażla bħal dik jissarrfu fil-piż li dik il-parti trid iġġorr biex tipprova kif imiss dak li tippretendi u dak li titlob**. Is-sanzjoni ta' għażla li ma twettaqx dak il-piż toħroġ mil-liġi wkoll, fis-sens li dik il-parti titlef il-kawża u terfa' l-piż tal-ħlas tal-ispejjeż. **(enfasi tal-Qorti).**"*

*(1)* ***Ittra uffiċjali maħruġa skont l-artikolu 166A ma tkunx tikkostitwixxi titolu eżekuttiv sakemm ma tkunx ġiet reġistrata skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu*** *li għandhom japplikaw għar-reġistrazzjoni ta' dawk l-ittri uffiċjali bħala titoli eżekuttivi.* ***(enfasi tal-Qorti).***

Illi mbagħad l-artikolu 166B(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ikompli hekk:

*(3) Meta jirċievi d-dokumenti msemmija fis-subartikolu (2) ir-Reġistratur għandu jeżamina d-dokumenti ppreżentati, jivverifika jekk id-debitur ippreżentax nota ta' tweġiba fiż-żmien stipulat u jekk huwa jkun sodisfatt illi l-kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-ittra uffiċjali bħala titolu eżekuttiv jkunu jissussistu, huwa għandu jipproċedi biex jirreġistra d-dokumenti ppreżentati f'reġistru li jissejjaħ ir-Reġistru ta' Ittri Uffiċjali bħala Titoli Eżekuttivi li għandu jinżamm mir-Reġistratur għall-iskopijiet tal-artikolu 166A.*

Illi mela allura hija errata l-fehma ta spiss ventilata li titolu eżekuttiv f'każ bħal dan jitwieled mal-egħluq tat-terminu mogħti li d-debitur sabiex iressaq nota fl-atti tal-ittra uffiċjali. It-titolu eżekuttiv jitwieled meta l-kreditur ikun talab lir-Reġistratur sabiex dan jgħaddi l-inkartament relattiv mill-għarbiel tal-artikolu 166B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-ittra tiġi finalment reġistrata. Minn hemmhekk jiġi akkwistat it-titolu eżekuttiv u allura t-twelid tal-eżegwibilita tiegħu.

Illi l-Qorti tqis rilevanti it-tagħlim mogħti fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Grech vs Christian Lund**[10]**,** u qiegħda tagħżel li tagħmel referenza għal-bran relattiv fil-korp ta' din id-deċiżjoni u mhux f'notament t'isfel kif solitament timxi. Dik il-Qorti kienet qalet hekk:

> *Illi dan ifisser allura li t-terminu indikat fl-artikolu 166A (5) tal-Kap. 12 ma kienx japplika ghaliex ma kien hemm ebda titolu esekuttiv, u dan peress li sabiex l-ittra ufficjali tigi kkunsidrata bhala tali kellha tkun registrata skond l-artikolu 166 B tal-Kap. 12, u allura t-terminu ndikat fl-istess artikolu ma setghax jibda jiddekorri proprju ghaliex tali ittra ufficjali ma kienitx tikkostitwixxi "Titolu esekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu...", la darba tali ittra ufficjali lanqas gie ppruvat li giet registrata abbazi tal-artikolu 166 B tal-Kap. 12 li jipprovdi li "Ittra ufficjali maghmula skond l-artikolu 166A ma tkunx tikkostitwixxi titolu esekuttiv sakemm ma tkunx giet registrata skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu li ghandhom japplikaw ghar-registrazzjoni ta' dawk l-ittri ufficjali bhala titoli esekuttivi". Huwa ghalhekk allura li tali terminu indikat fl-artikolu 166A tal-Kap. 12 ma huwiex applikabbli ghall-appellat, u dan ghaliex ma hemmx it-titolu esekuttiv hemm indikat fil-ligi.*

Issa skond l-artikolu 258(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-proċedura tista' tintuża wara *"l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu eżekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e)tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri* ***meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit****"*[11].

---

[10] Appell Ċivili Nru: 115/2010/1 mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' April 2012.

[11] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c vs Christopher Grima,** (Rik Nru: 73/2020) mogħtija minn din il-Qorti kif hemm preseduta nhar id-19 ta' Novembru 2020.

Illi mħaddan dan kollu għal każ tagħna, jirriżulta li l-ittra uffiċjali ġiet reża eżekuttiva (reġistrata) fit-18 ta' Ottubru 2024. Dawn il-proċeduri ġew imressqa fl-20 ta' Frar 2025 u għalhekk, peress li m'għaddewx il-ħames snin kontemplati fil-liġi, din il-proċedura kienet waħda inutili u mhux meħtieġa. Fi kliem ieħor, is-soċjetà attriċi għada fiż-żmien li tressaq mandati eżekuttiv relatati ma dan it-titolu eżekuttiv, iżda l-Qorti ma tistax terġa tqajmu mill-mewt, propju għaliex iż-żmien tal-eżegwibilita tiegħu għadu għaddej[12].

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-vertenza billi tiċħad it-talba tas-soċjetà attriċi.

L-ispejjeż tal-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetà attriċi.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[12] Din il-Qorti qiegħda taqbel bi sħiħ mall-pronunzjament mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-proċeduri fl-ismijiet **Melita Limited vs Carlos Schembri,**(Rik Nru: 37/2025) mogħti nhar il-5 ta' Mejju 2025.